

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.11.2009
KUMM(2009)651 finali

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità awtonomi
għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali**

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Il-kwoti ta' tariffi tal-Komunità awtonomi huma meħtieġa għal prodotti li l-produzzjoni tagħhom ma tlaħħaqx mal-ħtiġijiet tal-industriji li jagħmlu użu minnhom fil-Komunità għall-perjodu tal-kwota attwali. Bi tveġiba għat-talbiet minn diversi Stati Membri, il-Kummissjoni flimkien mal-esperti tal-gvernijiet ikkonċernati, ikkunsidrat jekk għandhomx jinfetħu kwoti ta' tariffi awtonomi għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali.

1.2. Kuntest ġenerali

Fl-20 ta' Diċembru tal-1996 il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2505/96 li jiftaħ u jipprova għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità awtonomi għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali sabiex id-domanda Komunitarja għall-prodotti kkonċernati tkun tista' tintlaħaq fl-aqwa kundizzjonijiet possibbli. B'kunsiderazzjoni għan-numru kbir ta' emendi li saru f'dan ir-Regolament u għall-politika ta' trasparenza tal-Kummissjoni, ir-Regolament għandu jiġi sostitwit minn din il-proposta.

Il-kwoti ta' tariffi tal-Komunità għandhom jinfetħu b'rata zero jew b'rati mnaqqsa għal dazju tat-Tariffa Doganali Komuni għal volumi xierqa, mingħajr ma jfixxklu s-swieq għal prodotti bħal dawn. Id-diskussjonijiet li saru fil-laqgħat tal-Grupp Ekonomiku dwar il-Kwistjonijiet Tariffarji, urew li l-Istati Membri kienu diġà lesti li jifethu kwoti għall-prodotti koperti bil-proposta għal Regolament, mingħajr ma jifixxklu s-swieq ta' prodotti bħal dawn.

1.3. Id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-qasam kopert mill-proposta

Ir-Regolament (KE) Nru 2505/96 (ĠU L 345, 31.12.1996, p.1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 563/2009 (ĠU L 168, 30.6.2009, p.1).

1.4. Konsistenza mal-bqija tal-politiki u l-għanijiet tal-Unjoni

Il-proposta hija konformi mal-politiki tal-agrikoltura, tal-kummerċ, tal-impriżi, għall-iżvilupp u tar-relazzjonijiet esterni. B'mod speċjali, din il-proposta ma tolqotx ħażin l-interessi tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u li jgawdu minn ftehim preferenzjali ta' kummerċ mal-UE (eż. ir-reġimi GSP, AKP, il-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati tal-Balkani tal-Punent).

2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

2.1. Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin indirizzati u l-profil ġenerali ta' dawk li wiegħbu

Ġie kkonsultat il-Grupp Ekonomiku dwar il-Kwistjonijiet Tariffarji li jirrappreżenta l-industriji ta' kull Stat Membru.

Sommarju tar-risposti u kif dawn ġew ikkunsidrati

Il-kwoti kollha elenkati jirriflettu l-ftehim li ntlaħaq mill-Grupp.

2.2. Il-Ġbir u l-użu ta' kompetenza

L-oqsma xjentifiċi jew ta' kompetenza kkonċernati

L-esperti li jirrappreżentaw l-Istati Membri fil-Grupp Ekonomiku dwar il-Kwistjonijiet Tariffarji.

Metodoloġija użata

Konsultazzjoni miftuħa.

L-organizzazzjonijiet/esperti ewlenin li ġew ikkonsultati

Esperti li ġew maħtura minn kull Stat Membru.

Sommarju tal-pariri li waslu u ntużaw

Ma ssemma l-ebda riskju potenzjalment serju b'konsegwenzi irreversibbli.

Ftehim tal-Grupp Ekonomiku dwar il-Kwistjonijiet Tariffarji.

Il-metodi użati sabiex ir-riżultati ta' dawn l-opinjonijiet esperti jkunu disponibbli għall-pubbliku

Il-pubblikazzjoni tal-proposta.

2.3. Evalwazzjonii tal-impatt

Ma tapplikax.

Il-proposta ma tissemmiex fil-Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2010.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Sommarju tal-azzjoni proposta

L-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunisll li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità awtonomi għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

3.2. Bażi legali

L-Artikolu 26 tat-Trattat KE.

3.3. Prinċipju ta' sussidjarjetà

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Għalhekk il-prinċipju ta' sussidjarjetà ma japplikax.

3.4. Prinċipju ta' proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Dan is-sett ta' miżuri huwa konformi mal-prinċipji għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-operaturi li qegħdin jaħdmu f'kummerċ barrani u mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1998 dwar is-sospensjonijiet tat-tariffi awtonomi u tal-kwoti (C 128, 25.4.1998, p.2).

3.5. Għażla tal-istrumenti

L-istrumenti proposti: Regolament

Istrumenti oħra ma jkunux adattati minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

Bis-saħħa tal-Artikolu 26 tat-Trattat tal-KE, il-kwoti ta' tariffi awtonomi jiġu approvati mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Dazji doganali li ma nġabrux b'ammont totali ta' € -37 163 112.

5. IKTAR INFORMAZZJONI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità awtonomi għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-produzzjoni fil-Komunità ta' ċerti prodotti agrikoli u industrijali mhix biżżejjed biex tlaħħaq mal-ħtiġijiet speċifiċi tal-industriji li jagħmlu użu minnhom fil-Komunità; Bħala konsegwenza, il-fornitura fil-Komunità ta' dawn il-prodotti tiddependi konsiderevolament fuq l-importazzjoni minn pajjiżi terzi. Ir-rekwiżiti l-aktar urġenti tal-Komunità għal dawn il-prodotti kkonċernati għandhom jintlaħħqu immedjetament fuq termini l-aktar favorevoli; Il-kwoti ta' tariffi tal-Komunità b'rati ta' dazju preferenzjali għandhom għalhekk ikunu miftuħa fi ħdan il-limiti tal-volumi xierqa b'kunsiderazzjoni għall-ħtieġa li ma jkunux imfixxkla s-swieq ta' prodotti bħal dawn jew ikun ostakolat l-istabbiliment jew l-iżvilupp tal-produzzjoni Komunitarja.
- (2) Huwa neċessarju li jiġi żgurat l-aċċess ugwali u mingħajr waqfien tal-impurtaturi kollha Komunitarji kif ukoll l-applikazzjoni mhux interrotta tar-rati stipulati għall-kwoti tal-importazzjonijiet kollha fir-rigward tal-prodotti kkonċernati ġewwa l-Istati Membri kollha sakemm il-kwoti jkunu ġew eżawriti.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju¹ jipprevedi sistema ta' ġestjoni għall-kwoti ta' tariffi li ssegwi l-ordni kronoloġika tad-dati tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera. Il-kwoti ta' tariffi miftuħa b'dan ir-Regolament għandhom jiġu amministrati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri b'konformità ma' dik is-sistema.
- (4) Il-volumi tal-kwoti huma fil-biċċa l-kbira tagħhom espressi f'tunnellati Għal ċerti prodotti li għalihom infetħu kwoti ta' tariffi awtonomi l-volum tal-kwota ġie stipulat f'unità ta' kejl oħra. Fil-każ li l-ebda unità ta' kejl supplimentari ma ġiet stipulata għal daww il-prodotti fin-Nomeklatura Magħquda stabbilita fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u

¹ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana², jista' jkun hemm inċertezza fir-rigward tal-unità ta' kejl li għandha tintuża. Minħabba raġunijiet ta' ċarezza u fl-interess ta' ġestjoni tal-kwoti aħjar huwa neċessarju li jkun provdut li, sabiex isir benefiċċju mill-kwoti ta' tariffi awtonomi msemmin, il-kwantità eżatta tal-prodotti importati għandha titniżżel "fil-Kaxxa 41: Unitajiet supplimentari" tad-dikjarazzjoni ta' rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa bl-użu tal-unità ta' kejl tal-ammont tal-kwota stabbilità għal dawk il-prodotti fl-Anness tar-Regolament.

- (5) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2505/96 tal-20 ta' Diċembru 1996 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali³ ġie emendat bosta drabi. Fl-interess tat-trasparenza għandu għalhekk ikun sostitwit fl-intier tiegħu.
- (6) Il-miżuri neċessarji għall-adozzjoni ta' emendi ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni⁴.
- (7) Billi l-kwoti tat-tariffi għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2010, dan ir-Regolament għandu jibda japplika mill-istess data u jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-prodotti elenkati fl-Anness se jinfetħu kwoti ta' tariffi tal-Komunità awtonomi li fi hdnhom se jkunu sospiżi dazji ta' Tariffi Komuni għall-perjodi, bir-rati tad-dazju, u sal-volumi indikati fih.

Artikolu 2

Il-kwoti tat-tariffi msemmin fl-Artikolu 1 għandhom ikunu ġestiti mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 3

Fejn ġiet ippreżentata dikjarazzjoni ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa, għal prodott imsemmi f'dan ir-Regolament, li għalih il-volum tal-kwota huwa espress f'unità ta' kejl minn barra piż f'tunnellati jew f'kilogrammi u mill-valur, għal prodotti li għalihom l-ebda unità supplimentari ma ġiet stabbilità fin-Nomenklatura Magħquda stabbilità fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, il-kwantità eżatta tal-prodotti importati għandha tiddaħħal "fil-Kaxxa 41: Unitajiet supplimentari" ta' dik id-dikjarazzjoni bl-użu tal-unità ta' miżura tal-ammont tal-kwota għal dawk il-prodotti stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament

² GÜ L 256, 7.9.1987, p. 1.

³ GÜ L 345, 31.12.1996, p.1.

⁴ GÜ L 184, 17.7.1999, p. 23.

Artikolu 4

L-emendi u l-adattazzjonijiet tekniċi, li tqajmu mill-emendi fin-Nomenklatura Magħquda u tal-kodiċi TARIC għandhom ikunu addottati mill-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5(2).

Artikolu 5

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġġuna mill-Kumitat ta' Kodiċi Doganali stabbilit bl-Artikolu 248a tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

2. Fejn isir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.

Artikolu 6

Ir-Regolament (KE) Nru 2505/96 huwa b'dan imħassar.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNES

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	TARIC	Deskrizzjoni	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota	Dazju fuq il-kwota (%)
09.2849	ex 0710 80 69	10	Faqqiegħ tal-ispeċi <i>Auricularia polytricha</i> (mhux imsajjar jew imsajjar bil-fwar jew bit-tgħollija), iffriżat, għall-produzzjoni tal-ikliet ippreparati minn qabel (1) (2)	1.1.-31.12.	700 tonnelli	0 %
09.2913	ex 2401 10 35	91	Tabakk naturali mhux ipproċessat, kemm jekk imqatta' f'daqs regolari, kif ukoll jekk le, b'valur doganali ta' mhux inqas minn EUR 450 għal kull 100 kg piż nett, għall-użu bħala legatur jew imballaġġ għall-manifattura ta' oġġetti li jaqgħu taħt is-subintestatura 2402 10 00 (1)	1.1.-31.12.	6 000 tonnelli	0 %
	ex 2401 10 70	10				
	ex 2401 10 95	11				
	ex 2401 10 95	21				
	ex 2401 10 95	91				
	ex 2401 20 35	91				
	ex 2401 20 70	10				
	ex 2401 20 95	11				
	ex 2401 20 95	21				
	ex 2401 20 95	91				
09.2841	ex 2712 90 99	10	Taħlita ta' alkeni-1 li fihom 80 % tal-piż jew iktar tal-alkeni-1 b'tul ta' katina ta' 20 u 22 atomi tal-karbonju	1.1.-31.12.	10 000 tonnelli	0 %
09.2703	ex 2825 30 00	10	Ossidi u idrossidi tal-vanadju esklussivament għall-użu fil-liġi (1)	1.1.-31.12.	13 000 tonnelli	0 %
09.2806	ex 2825 90 40	30	Triossidu tat-tungstenu, li jinkludi ossidu tat-tungstenu blu	1.1.-31.12.	12 000 tonnelli	0 %
09.2611	ex 2826 19 90	10	Fluworu tal-kalċju li fih kontenut totali ta' aluminju, manjeżju u sodju ta' 0.25 mg/kg jew inqas, fil-forma ta' trab	1.1.-31.12.	55 tonnelli	0 %
09.2837	ex 2903 49 80	10	Bromoklorometan (bromochloromethane)	1.1.-31.12.	600 tonnelli	0 %
09.2933	ex 2903 69 90	30	1,3-Diklorobenżin	1.1.-31.12.	2 600 tonnelli	0 %
09.2950	ex 2905 59 98	10	2-Kloroetanoli, għall-manifattura ta' tijoplasti likwidi tas-sottointestatura 4002 99 90 (1)	1.1.-31.12.	15 000 tonnelli	0 %
09.2851	ex 2907 12 00	10	O-Kresol b'purità ta' mhux inqas minn 98.5 % skont il-piż	1.1.-31.12.	20 000 tonnelli	0 %
09.2767	ex 2910 90 00	80	Allyl glycidyl ether	1.1.-31.12.	2 500 tonnelli	0 %
09.2624	2912 42 00		Etilvanillin (3-etossi-4-idrossibenżaldeide)	1.1.-31.12.	600 tonnelli	0 %
09.2972	2915 24 00		Anidride aċetiku	1.1.-31.12.	20 000 tonnelli	0 %

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	TARIC	Deskrizzjoni	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota	Dazju fuq il-kwota (%)
					ata	
09.2769	ex 2917 13 90	10	Sebakat tad-dimentil	1.1.- 31.12.	1 300 tonnelli ata	0 %
09.2634	ex 2917 19 90	40	Aċidu dodekanedjojku, ta' purezza b'piż ta' aktar minn 98,5 %	1.1.- 31.12.	4 600 tonnelli ata	0 %
09.2808	ex 2918 22 00	10	Aċidu o-aċetilsaliċiliku	1.1.- 31.12.	120 tonnelli ata	0 %
09.2975	ex 2918 30 00	10	Benżofenon-3,3':4,4'-tetrakarbossiliku dianidrid	1.1.- 31.12.	1 000 tonnelli ata	0 %
09.2632	ex 2921 22 00	10	Eksametilenediammina	1.1.- 31.12.	35 000 tonnelli ata	0 %
09.2602	ex 2921 51 19	10	o-Fenilendiammina	1.1.- 31.12.	1 800 tonnelli ata	0 %
09.2977	2926 10 00		Acrylonitrile	1.1.- 31.12.	30 000 tonnelli ata	0 %
09.2002	ex 2928 00 90	30	Fenilidrażin	1.1.- 31.12.	1 000 tonnelli ata	0 %
09.2917	ex 2930 90 13	90	Ċistina	1.1.- 31.12.	600 tonnelli ata	0 %
09.2603	ex 2930 90 99	79	Bis(3-trietossisililpropil)tetrasulfid	1.1.- 31.12.	9 000 tonnelli ata	0 %
09.2810	2932 11 00		Tetraidrofuran	1.1.- 31.12.	20 000 tonnelli ata	0 %
09.2955	ex 2932 19 00	60	Flurtamon (ISO)	1.1.- 31.12.	300 tonnelli ata	0 %
09.2812	ex 2932 29 85	77	Eża-6-olid	1.1.- 31.12.	4 000 tonnelli ata	0 %
09.2615	ex 2934 99 90	70	Aċidu ribonuklejku	1.1.- 31.12.	110 tonnelli ata	0 %
09.2945	ex 2940 00 00	20	D-Ksilożju	1.1.- 31.12.	400 tonnelli ata	0 %
09.2908	ex 3804 00 00	10	Linjosulfonat tas-sodju	1.1.- 31.12.	40 000 tonnellata	0 %
09.2889	3805 10 90		Terpentina tas-sulfat	1.1.- 31.12.	20 000 tonnelli ata	0 %

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	TARIC	Deskrizzjoni	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota	Dazju fuq il-kwota (%)
09.2935	ex 3806 10 00	10	Rożin u aċidi tar-reżin miksuba minn oleoreżini friski	1.1.-31.12.	280 000 tunnell ata	0 %
09.2814	ex 3815 90 90	76	Katalizzatur magħmul mid-diossidu tat-titanju u t-triossidu tat-tungstenu	1.1.-31.12.	1 600 tunnell ata	0 %
09.2829	ex 3824 90 97	19	Estratt solidu ta' materjal residwu li ma jinħallx f'solventi alifatiki miksuba matul l-estrazzjoni tar-resin mill-injam, li għandu l-karatteristiċi li ġejjin: — kontenut aċiduż ta' reżin li ma jaqbiżx it-30% bil-piż, — numru tal-aċidu li ma jaqbiżx il-110 kif ukoll — punt tat-tidwib ta' 100°C jew iktar	1.1.-31.12.	1 600 tunnell ata	0 %
09.2914	ex 3824 90 97	26	Soluzzjoni tal-ilma li fiha mhux inqas minn 40 % tal-piż ta' estratt niexef tal-betaina u bejn 5 % u 30 % tal-piż ta' mluħ organiċi jew inorganiċi	1.1.-31.12.	5 000 tunnell ata	0 %
09.2986	ex 3824 90 97	76	Taħlita ta' amines terzjarji li fihom: — 60 % dodecildimetilammina jew iktar skont il-piż — 20 % dimetil(tetradeċil)ammina jew iktar skont il-piż — 0.5 % jew aktar tal-piż hexadecyldimethylamine, għall-użu fil-produzzjoni ta' ossidi amini (1)	1.1.-31.12.	14 315 tunnell ata	0 %
09.2907	ex 3824 90 97	86	Taħlita ta' fitosteroli, fi trab, li fihom, bil-piż:— 75 % jew iktar sterols, — mhux iktar minn 25 % ta' stanoli għall-użu fil-produzzjoni ta' esterji tal-istanoli/steroli (1)	1.1.-31.12.	2 500 tunnell ata	0 %
09.2140	ex 3824 90 97	98	Taħlita ta' amines terzjarji li fihom, skont il-piż: — 2.0-4.0 % ta' N,N-dimetil-1-ottanammina — minimu ta' 94 % ta' N,N-dimetil-1-dekanammina — massimu ta' 2 % ta' N,N-dimetil-1-dodekanammina	1.1.-31.12.	4 500 tunnell ata	0 %
09.2992	ex 3902 30 00	93	Kopolimer tal-propilen-butilen, li fih 60 % jew iktar skont il-piż imma mhux iktar minn 68 % ta' propilen u 32 % jew iktar imma mhux iktar minn 40 % ta' butilen, b'viskożità tat-tidwib mhux ogħla minn 3 000 mPa f'190 °C, kif iddeterminat bil-metodu ASTM D 3236, għall-użu bħala adeżiv fil-produzzjoni ta' prodotti li jaqgħu taħt is-subintestatura 4818 40 (1)	1.1.-31.12.	1 000 tunnell ata	0 %
09.2947	ex 3904 69 90	95	Poly(vinylidene fluoride), fil-forma ta' trab, għall-preparazzjoni ta' żebgħa jew verniċ għall-kisi tal-metall (1)	1.1.-31.12.	1 300 tunnell ata	0 %
09.2604	ex 3905 30 00	10	Poli(vinil alkoħol) parzjalment aċetalizzat b'5-(4-ażido-2-sulfobenziliden)-3-(formilpropil)-rodanin, melħ tas-sodju	1.1.-31.12.	100 tunnell ata	0 %

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	TARIC	Deskrizzjoni	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota	Dazju fuq il-kwota (%)
09.2616	ex 3910 00 00	30	Polidimetilsilossan b'livell ta' polimerizzazzjoni ta' 2800 unità ta' monomeri (± 100)	1.1.- 31.12.	1 300 tonnelli ata	0 %
09.2816	ex 3912 11 00	20	Laqxa tal-aċetat taċ-ċelluloża għall-użu fil-produzzjoni ta' truf tal-filament tal-aċetat taċ-ċelluloża (1)	1.1.- 31.12.	37 000 tonnelli ata	0 %
09.2807	ex 3913 90 00	86	Sodium hyaluronate mhux sterili	1.1.- 31.12.	110 000 g	0 %
09.2813	ex 3920 91 00	94	Film ta' poli(vinyl butyral) ko-estruż bi tliet saffi mingħajr faxx bil-kuluri li jisfumaw b'kontenut ta' 2,2'-ethylenedioxydiethyl bis(2-ethylhexanoate) b'perċentwali ta' 29% tal-piż iżda li ma jaqbiżx 31%, li jintuża bħala plastifikant.	1.1.- 31.12.	2 000 000 m ²	0 %
09.2818	ex 6902 90 00	10	Briks li jirreżistu s-sħana: — tul tat-tarf ta' iktar minn 300 mm u — kontenut ta' TiO ₂ ta' mhux iktar minn 1 % skont il-piż u — kontenut ta' Al ₂ O ₃ ta' mhux iktar minn 0.4 % skont il-piż u — bidla fil-volum ta' inqas minn 9 % f'1700° C	1.1.- 31.12.	75 tonnelli ta	0 %
09.2815	ex 6909 19 00	70	Apparat ta' appoġġ għal katalizzaturi jew filtri, magħmul minn ċeramiki porużi li huma magħmul prinċiplament minn ossidi tal-aluminju u tat-titanju; li għandhom volum totali ta' mhux iżjed minn 65 litru u minn tal-inqas fetħa (miftuħa fuq naħa waħda jew fuq iż-żewġ naħa) għal kull cm ² ta' sezzjoni	1.1.- 31.12.	380 000 unità	0 %
09.2628	ex 7019 52 00	10	Xibka tal-ħġieġ minsuġa minn fibri tal-ħġieġ miksija bil-plastik, b'piż ta' 120 gm/m ² (± 10 gm/m ²), ta' tip li jintuża fl-iskrins ta' kontra n-nemus, li għandhom qafas fiss u li jistgħu jitgerrbu	1.1.- 31.12.	350 000 m ²	0 %
09.2799	ex 7202 49 90	10	Ferro-kromju li fih 1.5% jew iktar imma mhux iktar minn 4% ta' karbonju skont il-piż u mhux iktar minn 70 % ta' kromju	1.1.- 31.12.	50 000 tonnelli ata	0 %
09.2629	ex 7616 99 90	85	Manku teleskopiku tal-aluminju għall-użu fil-produzzjoni tal-bagalji (1)	1.1.- 31.12.	240 000 unità	0 %
09.2763	ex 8501 40 80	30	Mutur kommutatur elettriku AC, monofażi, b'rendiment ta' iktar minn 750 W, u b'qawwa tal-input ta' iktar minn 1 600W imma mhux iktar minn 2 700W, dijametru estern ta' iktar minn 120 mm ($\pm 0,2$ mm) imma mhux iktar minn 135 mm ($\pm 0,2$ mm), b'rata ta' veloċità ta' iktar minn 30 000 rpm imma mhux iktar minn 50 000 rpm, mgħammar b'ventilatur għall-ajra, għall-użu fil-produzzjoni tal-vacuum cleaners (1)	1.1.- 31.12.	2 000 000 unità	0 %
09.2633	ex 8504 40 81	30	Adapter tal-elettriku, b'kapaċità ta' mhux aktar minn 1 kVA, biex jintuża fil-manifattura ta' apparat li jneħħi x-xagħar (1)	1.1.- 31.12.	4 500 000 unità	0 %
09.2620	ex 8526 91 20	20	Muntaġġ għal sistema tal-GPS b'funzjoni ta' determinazzjoni tal-pożizzjoni	1.1.- 31.12.	3 000 000 unità	0 %
09.2003	ex 8543 70 90	63	Ġeneratur tal-frekwenzi kkontrollat bil-vultaġġ, li jikkonsisti f'elementi attivi u passivi mmuntati fuq ċirkwit stampat, miżmum f'qafas b'dimensjonijiet esterni ta' mhux iktar minn 30 x 30 mm	1.1.- 31.12.	1 400 000 unità	0 %
09.2631	ex 9001 90 00	80	Lentijiet tal-ħġieġ mhux immuntati, priżmi u elementi mghaqqa għall-użu fil-produzzjoni ta' oġġetti bil-kodiċijiet	1.1.-	5 000 000	0 %

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	TARIC	Deskrizzjoni	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota	Dazju fuq il-kwota (%)
			tan-NM 9005, 9013 u 9015 (1)	31.12.	unità	

(1) Il-ħelsien minn dazji tad-dwana għandu jkun soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-Komunità bil-ħsieb ta' kontroll tad-dwana tal-użu ta' oġġetti bħal dawn (ara l-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, tal-11. 10. 1993, p. 1)).

(2) Madankollu, il-miżura ma titħalliex titwettaq meta l-ipproċessar isir mill-istabbilimenti tal-catering jew li jbiegħu bl-imnut.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI
GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU ESKLUSSIVAMENT RISTRETT GĦAD-
DĦUL

1. ISEM TAL-PROPOSTA:

Ir-Regolament tal-Kunsill li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità awtonomi għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

2. IL-LINJI BAĠITARJI:

Il-Kapitolu u l-Artikolu: Kapitulu 12, Artikolu 120

Ammont ibbaġitjat għas-sena 2010: € 14 079 700 000 € (PDB 2010)

3. IMPATT FINANZJARJU

x ☐ Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul – l-effett huwa kif ġej:

(€ miljun sa ċifra waħda wara l-punt deċimali)

Linja baġitarja	Dħul ⁵	Perjodu ta' 12-il xahar li jibda minn jj/xx/ssss	[Sena 2010]
Artikolu 120	<i>L-impatt fuq ir-riżorsi proprji</i>	01/01/2010	- 37.2

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Id-dispożizzjonijiet fuq il-ġestjoni tal-kwoti tat-tariffi jinkludu miżuri meħtieġa għall-prevenzjoni u l-protezzjoni kontra l-frodi u l-irregolaritajiet.

⁵ F'dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji agrikoli, imposti fuq iz-zokkor, dazji doganali) jeħtieġ li l-ammonti indikati jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % tal-ispejjeż tal-ġbir.

ANNESS

Id-deskrizzjoni tal-prodott	L-ammont tal-kwota (unità/tunnellati metriċi)	Il-prezz stmat (€ kull unità/€ kull tunnellata)	Id-dazju (%) (2010 CCT)	Id-dazju fuq il-kwota (%)	It-telf mistenni fuq id-dħul (f'€)
09.2849 Faqqiegħ	700 t	751 €/t	14.4	0	75 700
09.2913 It-tabakk	6 000 t	594 €/t	11.2	0	399 168
09.2841 Taħlita	10 000 t	600 €/t	2.2	0	132 000
09.2703 Il-vanadju	13 000 t	2708 €/t	5.5	0	1 936 220
09.2806 Tangstin	12 000 t	16 875 €/t	4.6	0	9 315 000
09.2611 Kalċju	55 t	33 850 €/t	5.3	0	98 673
09.2837 Metanu	600 t	2557 €/t	5.5	0	84 381
09.2933 Benżina	2 600 t	3 062 €/t	5.5	0	437 866
09.2950 Ethanol	15 000 t	733 €/t	5.5	0	604 725
09.2851 Kresol	20 000 t	896 €/t	2.1	0	376 320
09.2767 Ether	2,500 t	4 500 €/t	5.5	0	618 750

09.2624 Vanillin	600 t	16 129 €/t	5.5	0	532 257
09.2972 Anidridu	20 000 t	800 €/t	5.5	0	880 000
09.2769 Sebacate	1 300 t	2 600 €/t	6	0	202 800
09.2634 aċidu DDC	4 600 t	3 696 €/t	6.3	0	1 071 101
09.2808 ačidu o-as	120 t	2 700 €/t	6.5	0	21 060
09.2975 Benzofenone	1,000 t	11 134 €/t	6.5	0	723 710
09.2632 Diammina	35 000 t	1304 €/t	6.5	0	2 966 600
09.2602 Diammina	1 800 t	3 500 €/t	6.5	0	409 500
09.2977 ACN	30 000 t	900 €/t	6.5	0	1 755 000
09.2002 Idrażina	1 000 t	3875 €/t	6.5	0	251 875
09.2917 Ċistina	600 t	14 142 €/t	6.5	0	551.538
09.2603 Sulfidi	9 000 t	400 €/t	6.5	0	234 000
09.2810 Furan	20 000 t	1538 €/t	6.5	0	1 999 400

09.2955 Flurtamon	300 t	20 833 €/t	6.5	0	406 244
09.2812 Olid	4 000 t	2040 €/t	6.5	0	530 400
09.2615 aċtu RN	110 t	150 000 €/t	6.5	0	1 072 500
09.2945 Ksilożju	400 t	2 100 €/t	6.5	0	54 600
09.2908 Sulphonate	40 000 t	43 €/t	5	0	86 000
09.2889 Trementina.	20 000 t	677 €/t	3.2	0	433 280
09.2935 Reżin	280 000 t	33 €/t	5	0	462 000
09.2814 Il-katalist	1 600 t	4 500 €/t	6.5	0	468 000
09.2829 Estratt	1 600 t	4 600 €/t	6.5	0	478 400
09.2914 Soluzzjoni	5 000 t	350 €/t	6.5	0	113 750
09.2986 Amini	14 315 t	1470 €/t	6.5	0	1 367 798
09.2907 Steroli	2 500 t	13 500 €/t	6.5	0	2 193 750
09.2140 Amini	4 500 t	2222 €/t	6.5	0	649 935

09.2992 Kopolimeru	1 000 t	2075 €/t	6.5	0	134 875
09.2947 Fluworidu	1 300 t	9 000 €/t	6.5	0	760 500
09.2604 L-alkoħol	100 t	16 666 €/t	6.5	0	108 329
09.2616 Siloxane	1 300 t	3253 €/t	6.5	0	274 879
09.2816 Laqx	37 000 t	933 €/t	6.5	0	2 243 865
09.2807 Jaluronat	110 000 g	173 081 €/kg	6.5	0	1 237 529
09.2813 Film	2 000 000 m ²	6 €/m ²	6.1	0	732 000
09.2818 Briksijiet	75 t	18 000 €/t	2	0	27 000
09.2815 Apparat ta' appoġġ	380 000 u	100 €/u	5	0	1 900 000
09.2628 Internet:	350 000 m ²	1 €/m ²	7	0	24 500
09.2799 Ferro-kromju	50 000 t	1 611 €/t	7	0	5 638 500
09.2629 Mankijiet	240 000 u	2.32 €/u	6	0	33 408
09.2763 Muturi	2 000 000 u	4.80 €/u	2.7	0	259 200

09.2633 Adatturi	4 500 000 u	1.02 €/u	3.3	0	151 470
09.2620 GPS	3 000 000 u	10.36 €/u	3.7	0	1 149 960
09.2003 Ġeneraturi	1 400 000 u	10 €/u	3.7	0	518 000
09.2631 Lentijiet	5 000 000 u	2.50 €/u	2.9	0	362 500

It-total tat-telf tad-dħul għal perjodu tal-kwota għal sena:
 (49 550 816 – €12 387 704) = € - 37 163 112 nett.